# L-iskola s-sabiħa taż-Żejtun tagħlaq 100 sena



*Kitba ta' B. Craus - Kap tal-Iskola 'A'*

Meta talbuni nikteb dwar il-100 sena tal-iskola primarja għidt li jien m'iniex wieħed li studja l-istorja fid-dettal. Ghalhekk dlonk ħsibt li nitlob l-għajnuna ta' esperti Żwieten fuq dan is-suġġett. Mall-ewwel ġew f'moħħi l-istoriku l-Kanonku Fr. J. Abela, il-Maġġur T. Abela, il-Perit R. Abela, is-Sindku is-Sur J. Attard, l-għalliem L. Cassar, is-Surmast C. Debono, l-Awtur is-Sur J Mercieca, u l-Awtur Trevor Zahra.

M'iniex se nirrepeti dettalji għaliex dawn diġa' nkitbu minn dawn l-esperti. Biss, nixtieq ngħid xi affarijiet li laqtuni. Fil-bidu tas-seklu 20 inħass il-bżonn ta' skola tal-gvern minħabba l-fatt li l-popolazzjoni ta' Città Beland kienet żdiedet mhux ħażin. Sadanittant it-tfal kienu qegħdin jiddobbaw b'dar żgħira li llum hija magħrufa bħala Dar San Ġużepp li bħalissa qegħdin jgħixu fiha s-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Il-post magħżul kien ftit metri 'l bogħod mill-post ta' qabel. Il-perit magħżul kien Ġuże' Pace. Il-kuntrattur kien ċertu wieħed jismu Carabott miż-Żejtun u l-istima kienet ta' 100 sterlina. Kienet magħżula art fejn il-klassijiet kienu kważi kollha jħarsu lejn il-Punent. Għal din ir-raġuni l-klassijiet kellhom it-twieqi jħarsu għal fuq ir-raba' sabiex jattiraw arja friska u sana tal-għelieqi. Il-perit ħaseb ukoll li jibni veranda f'forma ta' kolonni matul it-tul kollu tal-faċċata li tħares lejn il-punent. Għal ħafna Maltin u barranin li jiġu l-iskola jibqgħu jħarsu fit-tul lejn il-kolonni sbieħ u kbar li ghandha din l-iskola. Hemm 88 kolonna fuq kull sular. Il-kolonni t'isfel gholja 4.24m b'ċirkonferenza ta' 1.88m. Il-kolonni tas-sular ta' fuq għoljin 3.45m b'ċirkonferenza ta' 1.56m. Il-faċċata li hija ta' stil neo-klassiku twila madwar 115-il metru. Il-viżitaturi jibqgħu jiftakruha bħala l-iskola bil-kolonni kbar. Ta' min jammira wkoll ix-xogħol sabiħ li hemm fiż-żewġ portiċi doriċi quddiem iż-żewġ bibien prinċipali tal-iskola. L-iskola kienet imbierka u miftuħa fil-11 ta' Ġunju 1908 mill-Isqof Pace. Għall-ewwel, l-iskola kellha biss is-sular t'isfel u kienet maqsuma Girls' u Boys' School. Fit-tieni gwerra dinjija l-iskola ingħalqet sabiex parti minnha tintuża bħala sptar u parti oħra laqgħet fiha r-reġiment tar-Royal Dorset. Reġgħet intużat bħala skola wara l-gwerra. Fl-1949 inbnew is-sala ta' fuq u xi klassijiet. Fl-1955-56 ix-xogħol tlesta bi 22 klassi ġodda.



**Ritratt antik tal-Iskola**

Fuq l-isfond ta' subien u bniet nixtieq nirrakkonta ġrajja li għadda minnha Trevor Żahra. Kien Mejju għall-ħabta tas-1.45pm, meta t-tfal kienu miġburin bniet in-naħa tagħhom u s-subien fil-bitħa tagħhom. F'daqqa waħda, jgħid Trevor li kien preżenti bħala tifel, instema twerżiq kbir ġej min-naħa tal-bniet, li bdew jgħajtu f'paniku sħiħ. Ġriet xniegħa li xi ħadd mill-bniet ra x-xitan. Il-bniet taħom esteriżmu u ħadd ma seta' jikkalmahom. L-aħbar ġriet bħal-leħħa ta' berqa u f'tebqa t'għajn ħafna ġenituri ġew jiġbru l-bniet mill-iskola. Dan l-inċident kien issemma wkoll fuq ir-Rediffusion.




**Ritratt meħud fi-żmien il-gwerra. It-tielet wieħed fix-xellug fl-ewwel ringiela hu sur-Cassar li it-tifel tiegħu illum jgħallem fl-istess skola**




**Il-Gvernatur Sir Gerald Creasy**

Matul iż-żminijiet l-iskola ma baqgħetx Girls' u Boys' School fit-taqsimijiet tagħha. Għaddiet fażijiet fejn iż-żgħar kienu fis-sular t'isfel u l-kbar fis-sular ta' fuq.

Fit-4 ta' Frar 1952 l-iskola żaruha l-Eċċellenzi Tagħhom il-Gvernatur Lord Gerald Creasy, is-sinjura Lady Creasy, u s-sinjorina Creasy. F'Ottubru, 1987 żar l-iskola is-sur Arthur Kelson, eks surġent maġġur li kien jagħmel parti mir-reġiment tar-Royal Dorset.

Bħalissa t-tfal iż-żgħar Years 1, 2, 3 qegħdin fin-naħa tal-Girls' School filwaqt li Years 4,5,6 qegħdin fin-naħa tal-Boys' School. It-tfal li bħalissa jattendu l-Kindergarten għandhom kumpless għalihom tefgħa ta' ġebla 'l boghod mill-iskola. L-inawgurazzjoni tal-Kindergarten sar nhar it-22 ta' April, 1987. Il-kumpless kien inawgurat mill-Prim Ministru, Karmenu Mifsud Bonniċi u imbierek mill-Arċipriet Fr J.Theuma. Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru Wistin Abela.
Nhar il-21 ta' Marzu 2003, l-iskola tan-naħa ta' Primarja 'A' issemmiet għal Dun Alwiġ Camilleri (1774-1849) li tant kellu għal qalbu t-tagħlim tat-tfal. L-iskola għandha innu 'Nissaħħu fit-Tagħlim' bil-mużika tas-sinjura Nathalie Caligari u kliem tas-sur Sunny Aquilina.

Bi ftehim sħiħ bejn il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Skolastiku u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni klassi min-naħa tal-Primarja 'A' ingħatat bħala addenda għal-librerija diġa' eżistenti li kellu l-Kunsill Lokali. Wara xogħol ta' kostruzzjoni, xkafef ġodda, investimenti kontinwi u sforz ħabrieki ta' kulħadd illum nistgħu ngħidu li l-librerija li hawn fiż-Żejtun hija tal-aqwa livell. Il-librerija msemmija għal Ġużeppi Pulis Montebello infetħet fi Frar 2004 u kienet iddikjarata uffiċjalment miftuħa mis-Sindku is-sur J Attard.

L-iskola kemm jekk hija kbira jew żgħira hija kbira u sabiħa biss jekk it-tfal jiġu u jmorru lura d-dar ferħanin u kuntenti. Grazzi Mulej ta' din il-missjoni qaddisa li afdajt f'idejna l-għalliema.




**Skola Primarja Zejtun Staff 1908 1910**



**Xi edukaturi u persuni li ħadmu fl-iskejjel 'A' u' B'matul is-snin, ħafna minnhom Żwieten.**
**Ħajr lis-sur J Galea Kap Skola B.**